MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Numru. 302/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs.**

**Francis Degiorgio**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' dina l-Qorti tal-11 ta' Gunju 2008 - migjuba kontra Francis Degiorgio ta' 42 sena iben il-mejjet Nazzarenu u Margeret nee' Azzopardi, mwieled nhar il-11 t'April, 1966, residenti 20, St. Nicholas Flats, Flat 3, Triq Nazju Ellul, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' numru 172966M

Akkuzat:

1. Talli bejn il-31 ta' Jannar, 2007 u 4 ta' Marzu, 2008, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kkommetta serq ta' ghamara mill-fond 74, Triq Pinto, Qormi ghad-detriment t'ommu Margherita Degiorgio, liema serq hu kwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur liema valur jeccedi l-2329.37 euros; u aktar talli;
2. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, kkommetta serq ta' cheque numru 501856 mill-fond 74, Triq Pinto, Qormi ghad-detriment t'ommu Margherita Degiorgio, liema serq hu kwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur liema valur ma jeccedix l-2329.37 euros u aktar talli;
3. F'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu bejn il-31 ta' Jannar 2008 u l-4 ta' Marzu, 2007, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' seba' mija u erba' u sebghin euro u erbgha sittin ewro centezmu (774.64 euros) ghad-dannu t'ommu Margherita Degiorgio u/jew Emanuel Cutajar u aktar talli;
4. F'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu bejn il-31 ta' Jannar 2008 u l-4 ta' Marzu 2008, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli;
5. Fl-istess zminijiet, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
6. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli;
7. Irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 40 u 50 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fil-23 ta' Dicembru, 2008[1], fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) l-artikolu 167(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) l-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) l-artikolu 17, 23, 31, 331, 332 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2013 l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tielet (3), raba' (4), hames (5), sitt (6) u seba' (7) imputazzjoni.

Rat li wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tieghu u partikolarment li l-imputazzjonijiet iwasslu ghal piena massima ta' 12-il sena habs u wara li taghtu hin sabiex jerga' jahsibha, rega kkonferma li qed iwiegeb hati ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni orali dwar il-piena tal-partijiet.

[1] Ara fol. 78 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' tar-raba' (4), hames (5), sitt (6) u seba' (7) imputazzjoni, li huma kontemplati fl-artikoli 167(1), 188, 183, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, u li huma elenkati fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali. Fil-fatt l-imputat ammetta ghar-reati kollha msemmija f'din in-nota ta' rinviju ghal gudizzju.

L-imputat ammetta wkoll ghat-tielet (3) imputazzjoni fic-citazzjoni li tikkontempla frodi b'eghmil qarrieqi, kif kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Pero in-nota ta' rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali ma tinkludix l-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant l-imputat ma kienx ghadu qed jigi akkuzat b'din l-imputazzjoni meta ghamel l-ammissjoni tieghu. Konsegwentement, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ammissjoni tal-imputat inkwantu tikkoncerna it-tielet (3) imputazzjoni u cioe ir-reat kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti ikkonsidrat li din l-ammissjoni ma tistax titqies wahda bikrija stante li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2009, u l-ammissjoni saret fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013. Huwa vera li fl-istadju tal-provi tad-difiza inbidlu diversi avukati, inkluzi avukati tal-ghajnuna legali. Pero fl-ewwel seduta cioe dik tal-11 ta' Gunju 2008, l-imputat iddikjara li ma riedx ikun assistit minn avukat.[2] L-ewwel darba li l-imputat talab li jigi assistit minn avukat kien proprju dak-in-nhar li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi u cioe fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2009, meta din il-Qorti hatritlu avukat tal-ghajnuna legali.[3]

[2] Ara verbal a fol. 8 tal-process.
[3] Ara verbal a fol. 72 tal-process.

Il-Qorti kkunsidrat li l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali jikkoncernaw il-fatt li l-imputat iffalsifika l-firma ta' ommu, Margherita Degiorgio, fuq ic-cekk tal-pensjoni taghha, li mbaghad sarrfu fuq l-idejn. Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2008, Margherita Degiorgio xehdet u qalet li sa fejn ghandu x'jaqsam maghha l-imputat, ma tridx li jittiehdu proceduri kontra t-tifel taghha Francis Degiorgio.[4] Ghaldaqstant, imputazzjonijiet ohra li kien hemm fic-citazzjoni originali kontra l-imputat u li kienu jehtiegu l-kwerela gew irtirati.

Fit-trattazzjoni orali l-abbli avukat difensur tal-imputat issottometta li mill-process jirrizulta li l-imputat gie uzat minn diversi nies u li l-livell ta' intelligenza tieghu huwa baxx, kif johrog anke mill-istqarrija. Pero, din il-Qorti, wara li fliet il-process, ma taqbilx li jirrizulta li l-imputat gie uzat, u li ghandu xi livell baxx ta' intelligenza. Fil-fatt, mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat fehem tajjeb it-twissija li tah l-ispettur, tant li rrisponda biss ghal domanda wahda u ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda ohra – kif kien dritt tieghu li jaghmel.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-fedina penali aggornata tal-imputat mhix wahda felici, tant li ghandu hdax (11)-il kundanna minn dawn il-Qrati, erbgha (4) minnhom relatati ma' pussess ta' droga, u tnejn (2) ma' serq, u inghata tlett darbiet ordni ta' *probation.* Pero jidher li l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu mill-opportunitajiet li tawh dawn il-Qrati biex jirriforma, u ma jkomplix fit-triq tal-kriminalita. Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li l-imputat ghandu jitqieghed taht ordni ta' *probation* ohra.

Il-Qorti ma tistax tati lill-imputat piena ta' sentenza sospiza, stante li l-imputat hu recidiv, u ghalhekk l-unika piena li tista' taghti din il-Qorti hija dik ta' prigunerija effettiva.

Fl-ikkalibrar tal-piena karcerarja, il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-ammont tac-cekk falsifikat kien ta' seba' mija erba' u sebghin Euro u erba' u sittin centezmu (€774.64),[5] li mhux xi ammont sostanzjali.

Jezisti konkors formali jew ideali bejn ir-reati kontemplati fl-Artikolu 167(1), dak kontemplat fl-Artikolu 183 u 188 tal-Kodici Kriminali, stante li l-fatt li ta lok ghal dawn ir-reati huwa wiehed uniku,

[4] Ara verbal a fol. 67 tal-process.
[5] Ara Dok JS  a fol. 41 tal-process.

u cioe il-falsikazzjoni tal-firma ta’ Margherita Degiorgio fuq *cheque* tal-Bank Centrali, u ghalhekk ir-reati kontemplati fl-Artikolu 167(1) u 188, huma assorbiti fir-reat kontemplat fl-Artikolu 183.

In vista tal-fatt li l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, anki jekk l-ammissjoni ma kienitx wahda bikrija, il-Qorti ma hix se zzid il-piena bi grad, kif tista’ hija taghmel in vista tal-fatt li l-imputat huwa recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 167(1), 188, 183, 49, 50, 17, 23, 31, 331, 332 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 167(1), 188, 183, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u tikkundannah ghal piena ta’ tlettax (13)-il xahar prigunerija effettivi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------